# Il-Fratellanza ta' San Pawl fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, fir-Rabat

*Mons. Ġwann Azzopardi*

Diskors minn Mons. Ġwann Azzopardi li sar nhar il-25 ta' Jannar 2017, f'Lejla Mużiko-Letterarja mtellgħa mis-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl

## Daħla

Illum f'jum il-Festa liturġika tal-Konverzjoni ta' San Pawl, ġejna biex nitkellmu fuq il-Fratellanza ta' San Pawl fil-Kolleġġjata tagħna, bħala bidu tal-festi li se jsiru fir-Rabat fl-okkażjoni tal-1950 sena mill-Martirju ta' San Pawl f'Ruma. L-anzjani jiftakru fil-festi kbar li saru f'Malta fl-1960 fid-19-il ċentenarju tan-Nawfraġju meta ġie fostna u f'din il-Knisja u fil-Grotta l-Kardinal Muench Legat tal-Papa, iżda niftakru wkoll fil-festi kbar li saru fir-Rabat u l-Imdina fl-1967 meta ġie fostna l-Kardinal Marella.

## X'inhi Fratellanza?

Hija għaqda ta' lajċi li volontarjament jissieħbu flimkien taħt ċerti regoli (statuti) iżda bla ebda rabta ta' voti, biex ikabbru l-qima esterna lejn xi qaddis partikolari (Kristu, il-Madonna jew qaddis ieħor) u għalhekk isiru affarijiet viżibbli bħal standard, medaljun, konfratiji, purċissjoni, eċċ. Il-membri jiksbu indulġenzi u jippromovu opri soċjali lejn il-foqra, morda u fl-imgħoddi kienu jipparteċipaw ukoll fil-funerali. Tixbaħ lill-Fratellanza iżda anqas minnha hemm is-Sodalità, li m'għandhiex l-istess formalitajiet esterni, iżda l-aktar talb u indulġenzi.

F'din il-Knisja ta' San Pawl illum għandna ħames Konfraternitajiet: Sagrament (1575), San Mikiel (1695), Kunċizzjoni (1731), Qalb ta' Ġesù (1733) u San Pawl (1767). Għandna wkoll tlett Sodalitajiet: tal-Erwieħ, tad-Duluri, u tal-Grazzja.

## L-Ewwel Fratellanza ta' San Pawl fir-Rabat ta' Malta

L-eqdem konfraterniti bdew fil-Medju Evu tardiv, jiġifieri qabel il-miġja tal-Kavalieri fl-1530. F'Malta u Għawdex kellna numru żgħir ta' Konfraterniti fosthom tlieta fir-Rabat. Dawn kienu: Fratellanza ta' San Pawl fil-Knisja Parrokkjali, Fratellanza ta' San Ġużepp fi ħdan il-Franġiskani Osservanti, u Fratellanza ta' San Mark fi ħdan l-Agostinjani.

Fejn nafu li f'din il-knisja kellna Fratellanza ta' San Pawl? Dan nafuh mill-atti notarili.

Fl-atti tan-Nutar Pawlu Bonello nsibu li fl-10 ta' Novembru 1508 ċertu Lhudi konvertit, Manfridus la


4

debet habere crucem, et candelabra ęnea
pro altari maiori.

Locus iste in quo Ecclesia fundata est, sanctus est et
valde deuotus quia in eo diuus Paulus habi-
tauit, et sepe uerbum dei predicauit. Ecclesia
est [illegible] in saxa posita ex quo fideles quondie
fragmenta eripiunt, quę dicunt aduersus omnia
uenena prodesse, si aqua immixta bibantur.
aqua hanc gratiam in honorem diui Pauli
fuisse concessa illi saxo per mano. in quo ipse
habitauit ita mirabilis est deus in sanctis suis

In Eadem Ecclesia est altare dicatum diuo Paulo, in quo
vigore legati Gabriel de Noto continue celebra-
Diuus Paulus ri facit missam unam quolibet die, de quo
non apparent documenta propter antiquita-
tem donec construatur noua Ecclesia in
qua se obligauit.

Item Gabriel proprijs construere altare, et de bonis ornamen-
tis ornare, et in eo huic muneri et obliga-
tioni satisfacere

in eadem

*Parti mir-rapport ta' Mons Pietro Dusina.*



TEMMEJT IL-ĠIRJA ĦARIST IL-FIDI

Chabica, ħalla nofs ratal xemgħa lil Fratellanza ta' San Pawl kif ukoll nofs ratal xemgħa lill-Fratellanza ta' San Ġużepp biex il-fratelli ta' dawn it-tnejn jakkompanjaw il-funeral tiegħu[1].

Sitt xhur wara fl-20 ta' Mejju 1509, Agata Cassar ħalliet żewġ tari lil kull waħda minn dawn iż-żewġ fratellanzi u ħmistax-il xahar wara, fit-8 ta' Awwissu 1510 fl-atti tal-istess Nutar Pawlu Bonello, Catherina armla ta' Aloysio Pachi mis-Siġġiewi ħalliet nofs ratal xemgħa lill-Fratelli ta' San Pawl biex dawn jakkompanjaw il-funeral tagħha.[2]

Mela l-ewwel Fratellanza ta' San Pawl f'din il-knisja kienet attiva fil-bidu tas-seklu 16 (daqs 250 sena qabel dik li għandna llum) u din hija l-unika fratellanza dokumentata li kellha din il-knisja tagħna f'dan il-perijodu.

X'ġara minn din il-fratellanza? Kwalunkwe fratellanza u għaqda oħra tibqa' ħajja u attiva daqs kemm tkun ħajja l-ħeġġa tal-membri, u bosta drabi meta mal-medda tas-snin tiddgħajjef il-ħeġġa u jinbidlu ċ-ċirkustanzi, din tiġi fix-xejn. Kultant l-istess statuti ma jibqgħux jagħmlu sens meta jinbidlu l-użanzi soċjali. Mill-atti taż-żjara Appostolika ta' Mons. Dusina fl-1575 jirriżulta li din il-Fratellanza kienet spiċċat.

## Il-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietro Dusina

Nafu li meta Luteru beda l-hekk imsejħa Riforma Protestant, xi membri tal-Ordni li kienu ġew fostna minn barra, kif ukoll xi intellettwali Maltin li kienu studjaw barra pajjiżna, bdew ixerrdu tagħlim kontra l-fidi u speċjalment dwar l-Ewkaristija. Nafu li anki fir-Rabat, grupp ta' nies kienu jiltaqgħu fil-Fiddien u jiċċelebraw l-Ewkaristija *more luteranorum*. Biex tikkumbatti r-riforma, il-Knisja Kattolika waqqfet il-Kontro-Riforma u diġa f'Ruma fl-1538 kienet twaqqfet ġo Minerva l-ewwel Konfraternità tas-Sagrament. Fis-sena 1545 fi żmien l-Isqof Cubelles kien hawn diġà tlett Konfraterniti tas-Sagrament, waħda fil-Katidral tal-Imdina, oħra fil-Birgu, u oħra f'Għawdex, u dawn bl-atti tan-Nutar Brandanu Caxaru, l-Isqof Cubelles aggregahom ma' dik tal-Minerva f'Ruma. Nafu wkoll li dik tal-Imdina kellha ħajja qasira għax meta ġie Dusina fl-1575 din ma kinitx għadha tiffunzjona. Dusina ried li titwaqqaf f'kull Parroċċatitwaqqaf Fratellanza tas-Sagrament jekk hu possibli. X'għamel meta żar il-knejjes tar-Rabat?

Ha nisimgħu kliemu stess fl-atti taż-żjara:

*"Billi fir-Rabat kienu ġew imwaqqfa żewġ konfraterniti, dik ta' San Ġużepp u dik ta' San Mark biex jakkompanjaw is-Sagrament meta jittieħed lill-morda u jakkompanjaw lill-mejtin qabel id-difna, issa dawn il-konfraterniti, mqanqlin mill-imħabba lejn San Pawl, qablu l-fratelli kollha ta' kull waħda minnhom li jingħaqdu f'Kongregazzjoni u f'Konfraternità waħda sub dicta invocatione (taħt dan it-titlu) u jiġu trasferiti fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl u hekk waqqaf din il-Konfraternità."*

Dan it-trasferiment seħħ, u ħażin jew tajjeb din il-Konfraternità ġdida ħadmet għal madwar 90 sena sakemm fis-sena 1662 it-tnejn reġgħu lura fil-Knejjes tagħhom. F'dawn id-90 sena ż-żewġ konfraterniti kellhom Rettur komuni, l-ewwel fosthom Mro Giulio Allegritto u prokuratur komuni, l-ewwel fosthom Mro Paolo Alban, għalkemm jidher li xorta ma tilfux l-identità rispettiva tagħhom. [3]

Iżda x'kienet din il-Konfraternità? Letteralment il-kelmiet *sub dicta invocation* flimkien ma' *moti ex devotione erga Divum Paulum,* jindikaw li twaqqfet għal darb'oħra Fratellanza ta' San Pawl, kif jikkomfermaw l-aktar studjużi serji[4]. Iżda fil-fatt din l-għaqda ma ħadmitx bħala Fratellanza ta' San Pawl iżda bħala Fratellanza tas-Sagrament. Dan jikkonfermawh l-atti taż-żjarat tal-Isqfijiet ta' wara, l-aktar dawk tal-Isqof Paul Alpheran de Bussan tal-1744 li meta jikkwota l-viżta ta' Dusina, ma jiddejjaqx iżid dak li ma kitibx Dusina, jiġifieri mal-kelmiet *sub dicta invocatione* iżid il-kelmiet *Sanctissimi Sacramenti*.

Meta dawn iż-żewġ fratellanzi, San Ġużepp u San Mark, marru lura fis-sede oriġinali tagħhom, ġiet konfermata fil-Parroċċa l-Konfraternità tas-Sagrament, li r-reġistri kompleti tagħha għadhom għandna sallum.

## 250 sena ilu: titwaqqaf il-Fratellanza ta' San Pawl li għadna llum

Għaddew mitejn sena u kien f'Settembru 1767 (jiġifieri 250 sena ilu) li 4 saċerdoti[5] u 5 lajċi[6] għamlu petizzjoni lil Isqof Bartolomeo Rull biex fil-Knisja Parrokkjali dedikata lil San Pawl (fejn ġa kien hemm 4 konfraterniti oħra) titwaqqaf ukoll Konfraternità ta' San Pawl. Għalhekk talbu lill-Isqof biex tintgħażel persuna biex tħejji l-istatuti, biex jiġi assenjat id-distintiv u l-Altar Maġġur ta' din il-Fratellanza, u biex tkun miftuħa mhux biss għall-fratelli iżda anki għal konsorelli. Żiedu jgħidu li jekk tkun approvata, din se tkun Fratellanza unika fid-djoċesi, jiġifieri l-unika Fratellanza ta' San Pawl.

Fis-17 ta' Settembru 1766 l-Isqof Rull talab il-parir tal-Arċipriet Dun Ġużepp Saliba li fl-1 ta' Ottubru wieġeb li fil-fehma tiegħu din il-Konfraternità tkun mhux biss ta' dekor u vantaġġ iżda meħtieġa fir-Rabat li hu l-ewwel santwarju tal-Glorjuż Missier u Protettur tagħna San Pawl. Fl-10 ta' Ottubru l-Isqof ħatar lil Don Francesco Wzzino biex iħejji dawn l-istatuti. Wzzino ħejja

statuti dettaljati u fihom għamel dawn il-kummenti sbieħ: Qal li din il-Konfraternità tidher tardiva fejn kellha tkun l-ewwel waħda. Qed titwaqqaf fl-istess post fejn appuntu San Pawl ipprietka l-fidi kattolika u kkonverta l-gżira ta' Malta. L-erezzjoni formali mill-Isqof Rull iġġib id-data tal-1 ta' Gunju 1767[7].

Niġu issa għal xi kummenti. Fratellanza unika: għax ma hawnx oħra f'Malta, lanqas fil-Knejjes Pawlini, la fIl-Katidral tal-imdina, la fil-Belt Valletta u lanqas f'Ħal Safi jew ġo Għawdex. Irrid iżda nżid ngħid li fiż-żmien riċenti, fil-Belt Valletta, jiġifieri f'Ġunju 1924 twaqqfet mhux Fratellanza iżda Sodalità tal-Martirju ta' San Pawl, marbuta mal-Altar tal-Kor (fejn tinsab ir-relikwa tal-Kolonna). Iżda ngħid u nfaħħar il-fatt li sena wara, jiġifieri fl-1925 din is-Sodalità giet aggregata mas-Sodalità Primarja tat-Tre Fontane, f'Ruma, ħaġa li tkun tixraq ferm lill-Fratellanza tant qadima tagħna.

Għaliex Fratellanza ta' San Pawl fil-Parroċċa tar-Rabat damet ma twaqqfet daqshekk u ma twaqqfitx qabel? Veru li fil-Medju Evu kellna diġà Fratellanza ta' San Pawl. U veru wkoll li l-Parroċċa minn dejjem kienet tiċċelebra kemm il-Konverzjoni kif ukoll il-Martirju ta' San Pawl. Il-kontijiet antiki juru kemm Ċelebrazzjoni Liturgika kif ukoll Ċelebrazzjoni Esterna, bl-użu ta' murtaletti u ċikċifogu, kif ukoll Purċissjoni l-għada tal-Imnarja.



*Wieħed mill-ewwel kontijiet tal-Festa li l-Fratellanza ħallset fl-1767.*

Dan ġara għax, wara l-Medju Evu, anzi fl-era barokka jiġifieri fis-sekli 17 u 18, fejn fil-gżejjer tagħna twaqqfu tant Fratellanzi bis-sede fl-altari tal-ġnub, ma kinitx id-drawwa li jitwaqqfu Fratellanzi għall-qaddis prinċipali, għax il-qima tiegħu kienet taħseb għaliha direttament l-istess Knisja. Għalhekk la f'San Pawl il-Belt u lanqas f'Ħal Safi ma twaqqfetx Fratellanza ta' San Pawl. Bħalma f'Birkirkara mhemmx Fratellanza ta' Santa Liena, lanqas f'Ħal Għargħur ta' San Bert, fil-Birgu ta' San Lawrenz, f'Ħal Qormi ta' San Ġorġ; f'Ħal Luqa ta' San Andrija, u nistgħu nsemmu bosta oħrajn[8].

Lilna r-Rabtin sikwit jistaqsuna: X'inhi l-festa tagħkom tar-Rabat? U aħna nwieġbu: Il-Festa Titulari tagħna hija l-Martirju ta' San Pawl, waqt li l-Festa Prinċipali tagħna hija Corpus. U nżidu ngħidulhom: Aħna nagħmlu żewġ festi għax lilna messitna x-xorti kbira li din il-Knisja tħaddan fiha l-Grotta ta' San Pawl, fejn Missierna San Pawl ifforma l-ewwel komunità Nisranija ta' pajjiżna, u tana s-sagramenti u aktar minn kollox tana l-Ewkaristija. Niftakru li sa minn qabel ma nkitbu l-Vanġeli, San Pawl kien diġà kiteb u għallem dwar l-Ewkaristija, tagħlim li hu stess jgħid li ġabu direttament mingħand il-Mulej Ġesù. U għalhekk nagħmlu festa kbira ta' Corpus: b'żewġ purċissjonijiet, b'tant solennità, inżejjnu l-Knisja b'tant opri prezzjużi. Niftakru l-Papa Ġwann Pawlu II jitlob u jitgħaxxaq bl-Altar armat ta' Corpus.

Iżda waqt li minn dejjem niċċelebraw bil-qalb il-Festa ta' Corpus, kien ħsieb qaddis li fis-sena 1767 fir-Rabat, diversi saċerdoti u lajċi raw il-bżonn li titkabbar anki esternament il-Festa ta' San Pawl. Kien għad ma hemmx vara titulari biex toħroġ f'Purċissjoni. Infatti malli twaqqfet fis-sena 1767, din il-Fratellanza ikkummisjonat l-ewwel opra tagħha, vara titulari ta' San Pawl, opra fl-injam ta' Giovanni Caruana (ċertament ispirata mill-istatwa klassika ta' Melchiore Gafà) u din bdiet toħroġ f'purċissjoni.



*Irċevuta tal-ħlas tal-Vara Titulari ta' San Pawl iffirmata mill-iskultur Giovanni Caruana*






nirringrazzjah bil-qalb, dan il-kwadru ħadnih il-Mużew fejn seta jiġi kkonservat aħjar u jitgawda. Wara li għidt dan, ta' min jikkonsidra jekk hux ta' min, bit-teknoloġija moderna, floku titpoġġa replika perfetta tiegħu fuq it-tila, biex hekk tinżamm ir-rabta storika li nżammet għal mijiet ta' snin. Għandi fiduċja li

Aktar tard l-istatwa ssebbħet b'pedestall ornat, u fl-1916 tħaffritilha niċċa fil-Kappellun ta' San Anton, wara li ġiet sgraffita b'tant disinji sbieħ li jillustraw il-ħajja sħiħa ta' San Pawl. Il-Liturgija tiċċelebra l-Martirju ta' San Pawl flimkien ma' San Pietru fid-29 ta' Ġunju u l-għada kienet tfakkar il-martri nsara ta' Ruma. Aħna konna norbtu l-festa tagħna ma' dik id-data u fil-bidu kienet issir purċissjoni dakinhar jew ftit wara. Iżda fil-ħamsinijiet bdiet dejjem issir fl-ewwel Ħadd ta' Lulju u kompliet tissaħħaħ bil-kbir wara l-festi ċentenarji tal-1960, b'entużjażmu u b'numru sabiħ ta' fratelli, anki fost iż-żgħażagħ.

Sikwit ukoll jistaqsuna: jekk il-Festa Titulari hi l-Martirju, għaliex il-kwadru titular juri n-Nawfraġju?

Il-kwadru titulari oriġinali hu l-Martirju, il-famuz polittiku fuq l-injam impitter fis-sena 1588 rigal tal-arcipriet Don Leonardo de Agatiis. Kien proporzjonat u mdaqqas għall-Knisja ta' qabel din, li kienet iżgħar, u l-istil tiegħu kien dak medjevali antik u ftit manjerista. Meta Cosmana Navarra bniet minn flusha Knisja akbar ta' stil barokk, kien meħtieġ kwadru akbar fl-istil barokk. Kien ukoll iż-żmien li kemm id-Djoċesi kif ukoll l-Ordni tal-Kavallieri, li kienu diġà ħadu l-Grotta taħt it-tmexxija tagħhom, ippromovew kemm felħu l-identità Pawlina ta' Malta. San Pawl mhux biss l-Appostlu tal-Ġnus iżda l-fundatur tal-Knisja ta' Malta u hawn waqqaf il-Knisja. Denjament Cosmana Navarra, benefattriċi lajka, irregalatilna l-akbar u forsi l-isbaħ kwadru tan-Nawfragju, bil-Maltin jilqgħu lil San Pawl. Iżda ma neħħietx il-kwadru titulari li baqa' għal mijiet ta' snin miżmum taħtu.

Ċertament miżmum fl-altar imwarrab tal-kor, bil-gandlieri, xemgħa u fjuri taħtu, dan il-kwadru ta' preġju storiku u artistiku ma setax jitgawda u kien għalhekk li meta ftaħna l-Mużew Wignacourt, bil-koperazzjoni sħiħa tal-Arċipriet Suban li

dan is-suġġeriment għad jitwettaq u rrid naħseb li Cosmana Navarra mill-glorja tal-ġenna tkun kuntenta għax xtaqitu hemm u ħallitlu l-post apposta.

Nikkonkludi: għandna fostna bosta monumenti lil San Pawl: fl-irħam, fl-injam, fil-ġebel iżda kburin li għandna monument f'ġebel ħaj, jiġifieri fil-qalb ħajja tagħna devoti ta' San Pawl, u din hi l-Fratellanza ta' San Pawl, unika fid-djoċesi tagħna.

Lil San Pawl aħna nsejħulu Missierna. Inkunu wlied denji tiegħu, u din il-Fratellanza tista' tkun kburija jekk tqajjem fostna, barra festa kbira, imħabba kbira lejn San Pawl u lejn it-tagħlim li ħallielna l-Appostlu Missierna.

**Referenzi**

1 In assumendo suum cadaver …….relaxavit confratrie Sancti Josep et confratrie Sancti Pauli rotulum unum de cera laborat unicuique dictorum confratriarum dimidium rotulum. Document 144 in Stanley Fiorini, *Documentary Sources, Part 1, no 3*, 2005, p.126.

2 Item legavit confrarie Sancti Pauli di For a pro associando suum cadaver dimidium rotuli de cera et rotulum confrarie Sancti Joseph, *ibidem,* document 145 p. 133.

3 L-Isqof Alpheran iżid: li għaliex dawn il-Konfraternità ma kinux iwettqu tajjeb id-dmirijiet tagħhom jew għal raġunijiet oħra dawn telqu lura u għalhekk fis-sena 1664 fil-Knisja Parrokkjali twaqqfet formalment mill-ġdid Fratellanza tas-Sagrament.

4 Fosthom Mons. Vincent Borg, *Melita Sacra II*, p. 666

5 Dun Pietru Ellul, Dun Pawl Zahra, Dun Ġużepp Dun Pawl Zerafa, Dun Ġużepp Zerafa

6 Francesco Agius, Francesco Azzopardi, Angelo Zammit, Giuseppe Portelli, Baldassare Zahra.

7 Biagio Galea, 'Il-Konfraternità ta' San Pawl tar-Rabat. Monument Nazzjonali', Leħen is-Sewwa 4 ta' Lulju 1953, pp.2,11.

8 Hemm eċċezzjoni fil-Parroċċa taż-Żurrieq fejn fl-1652 twaqqfet Fratellanza ta' Santa Katerina iżda 34 sena wara din ġiet assorbita fil-Fratellanza tal-Agunija.Cfr A. Mangion- K. Zerafa, *Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq,* 1989, pp.17-18.